MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 411/2008

**A B**
**vs**
**C D; l-Avukat Dottor Richard Sladden**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**il-minuri EB; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi nhar it-8 ta' Ottubru 1994 l-attur izzewweg lill-konvenuta C D u dan skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi f' Jannar 2007 l-istanti u l-konvenuta C D isseparaw de facto u minn dak iz-zmien qatt ma kellhom relazzjonijiet bejniethom. Sussegwentement u cioe' fl-20

ta’ Marzu 2007, l-attur u l-konvenuta C D isseparaw in virtu ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia, kopja ta’ liema kuntratt ta’ separazzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. B;

3. Illi jidher li fl-istess zmien il-konvenuta C D kellha relazzjoni ma’ terzi u dan peress li dan l-ahhar istanti gie a konoxxenza tal-fatt li martu C D welldet iben;

4. Illi minn indagni li l-esponenti ghamel jirrizulta li skond l-Att tat-Twelid numru 234 ta’ l-2008, kopja ta’ liema tinsab annessa u mmarkata Dok. C l-istanti hu indikat bhala l-missier ta’ iben il-konvenuta C D, Eli twieled nhar it-28 ta’ Ottubru 2007;

5. Illi ghall-istanti ma hemmx dubju li l-imsemmi Ema huwiex il-wild naturali tieghu u l-esponenti huwa dispost joqghod ghal dawk l-ezamijiet xjentifici talvolta mehtiega sabiex jipprova dan;

6. Illi l-istanti ma jridx li huwa jibqa’ jkun indikat bhala l-missier tal-minuri Eu ghalhekk ha l-passi opportuni malli sar jaf b’ dawn il-fatti billi istitwixxa dina l-kawza;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li l-minuri Eli twieled nhar it-28 ta’ Ottubru 2007 ma huwiex il-wild naturali ta’ l-attur;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri Enumru 234 ta’ l-2008, fis-sens li jitnehhew il-konnotati ta’ l-esponenti mit-taghrif dwar missier it-tarbija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament ir-rikorrent irid jitlob awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jipprocedi b' azzjoni ta' denegata paternita ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 73 tal-Kap. 16 jew alternattivament jipprova li qed jintavola l-azzjoni ai termini tal-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 73 stante li jirrizulta li l-minuri in kwistjoni twieled fit-28 ta' Ottubru 2007.

2. Illi preliminarjament ukoll fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jintlaqghu t-talbiet dodotti fir-rikors, il-kunjom tal-minuri jigi korrett u l-kliem "the said" ghandhom jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika l-kunjon ta' omm it-tarbija fuq l-Att tat-Twelid relattiv.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz ;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut C D li biha ammettiet it-talbiet ta' l-attur ;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti, skond il-proviso ta' l-artikolu 73 tal-Kap.16, li bih awtorizzat lill-attur jkompli jipprocedi ghal kawza odjerna ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara[1] Dottor Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel Ajay, li twieled mill-konvenuta C D fit-28 ta' Ottubru 2007 u li fic-certifikat tat-twelid tieghu numru 234/2008 jinsab registrat bhala bin l-attur, mhuwiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur.

**Il-Fatti**
Illi l-attur A B u l-konvenuta C D isseparaw de facto f' Settembru 2006, u r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu ilhom li waqqfu minn qabel dan iz-zmien. Fil-frattempt il-konvenuta kellha relazzjoni ma' terza persuna jdentifikat minnha bhala Rudolph Calamatta, bir-rizultat li minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel Efit-28 ta' Ottubru 2007.

Illi l-istess konvenuta tghid li dan il-wild mhuwiex ta' l-attur, u f' dan ir-rigward tinsab ampjament u xjentifikament korraborata mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li saru minn fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuna ta' dawn iz-zewg partijiet u tat-tarbija.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet ta' l-attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddiecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifel Eli twieled mill-konvenuta fit-28 ta' Ottubru 2007 mhuwiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-

[1] Fol.55

attur A B ; u konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet mehtiega skond it-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C D proprio.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------